KUNSILL LOKALI

**M O S T A**

LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru 2012 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30p.m. | 10.15p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.32p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.34p.m. | 10.15p.m.. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.25p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.32p.m. | 9.00p.m. (wara item Corres. No.5) |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.24p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.22p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier James Cassar | 7.50p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.20p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.50p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.15p.m. | 10.15p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 14 - 18 ta' Ottubru 2012**

Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'din il-korrezzjoni :

**1.01** F'paragrafu 7.0 wara il-kliem **'jiġi terminat.'** żdiedet sentenza **'Il-Viċi Sindku Joseph Demartino għal ~~darbtejn~~ ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li b'dan il-ftehim ir-responsabbilita' finanzjarja fit-tmexxija ta'dan il-grawnd ser fil-fatt tgħaddi kollha kemm hi f'idejn il-Mosta Football Club u li l-Kunsill ma jkun bl-ebda mod responsabbli għal xi nuqqasijiet li jistgħu jsiru 'l quddiem.'**

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

**2.01** Dwar item 2.01: - **Il-problemi tar-residenti fiż-żona tal-Iskola taż-Żokrija**, s-Sindku Dr. Shirley Farrugia infurmat lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-*istakeholders*, laqgħa oħra mar-residenti, u *site-visit* mas-Sur Josie Brincat ta' TM. Hija qalet ukoll li tkelmet mal-Ministru tal-Edukazzjoni s-Sinjura Dolores Cristina fejn hija għamlet pressjoni sabiex tibda tinfetaħ is-*South Gate* tal-Iskola. Kienet ser issir laqgħa oħra ta' *public consultation* mar-residenti sabiex jiġu diskussi proposti ta' '*one-ways*', *road-humps, parking*, u ftuħ ta' *gates.*

**2.02** Dwar item 3.01: - **Spjegazzjoni ta' nfiq ta' fondi fl-attivita' Mosta Dome Fesival 2011,** is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-Kunsillier Kirby Fenech fejn kienu preżenti s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv . Is-Sinjorina Kirby Fenech spjegat li kienu intefqu aktar minn 6,000 Ewro allokati mill-Kunsill preċedenti għal din l-attivita' minħabba li kien hemm diversi *sponsors* li wegħdu għoti ta' flus iżda dawn ma waslux. Fost dawk li ma żammewx kelmthom kien hemm *sponsor* kbir ta' 1,500 Euro mingħand t-*Tourist Board.* Dawn kienu ser jisponsorjaw l-istampar tal-*posters.* Kienu ġabu skuża li l-Kunsill kellu japplika taħt xi skema. Hija qalet li hija kienet verbalment informat lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill preċedenti dwar dawn in-nuqqasijiet ta' fondi u dawn qalulha biex tibqa' għaddejja bil-program li kellha. *Sponsors* oħra li ma waslux kienu Euro 200 mingħand il-kuntrattur is-Sur Giovann Fenech tal-

## 6.0 Community Inclusive Employment Scheme

Sar qbil li jsiru l-intervisti tal-applikanti għal din l-Iskema u li l-*interviewing board* ikun magħmul mill-istess Kunsilliera tal-*adjudication committee.*

## *7.0 PPP – Public Private Patrnership fuq Toroq*

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia infurmat li l-Gvern Centrali kien approva s-somma ta' Euro 650,000 bħala fondi supplementari lill-Kunsill Lokali Mosta għal xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq fil-Mosta. Dawn kienu ser jitħalsu fi tliet pagamenti kif ġej: Euro 300,000 fis-sena 2012, Euro 200,000 fis-sena 2013, u Euro 150,000 fis-sena 2014. L-istima kienet li jsir xogħol b'valur ta' Euro 1,450,000 u għalhekk il-Kunsill kien ser jikkommetti ruħu li joħroġ is-somma ta' Euro 800,000 mill-fondi tiegħu għal dan ix-xogħol li għandu jsir fuq is-sistema tal-PPP.

Billi kien jidher li l-iskema tal-PPP bil-pagamenti lill-kuntrattur fuq perjodu ta' 8 snin ma kienetx tappella lill-kuntratturi, il-Kunsill qabel li dan il-perjodu jitnaqqas għal 4 snin u l-pagamenti jitħallsu 40% fl-ewwel sena wara li jsir ix-xogħol, 30% fit-tieni sena wara li jsir x-xogħol, 20% fit-tielet sena wara li jsir x-xogħol, u 10% pagament finali fir-raba' sena wara li jsir x-xogħol. Il-kundizzjonijiet l-oħra jibqgħu l-istess skont kif kien ħareġ struzjonijiet id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Gie unanimament approvat li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali b'dan it-tibdil u tiġi ppublikata s-sejħa tat-*tender.*

Is-Sindku ippreżentat lista ta' toroq li kienu ser jiġu asfaltati f'din is-sejħa.

Il-Kunsilliera Alex Muscat, Kirby Fenech, Brian Bezzina, u Mario Sammut qalu li kienu jippretendu li Triq id-Dawr u Triq Stringell kellhom jiġu inklużi f'din is-sejħa u insistew li dawn għandhom jiġu inklużi mal-lista.

Is-Sindku spjegat x'kien ir-raġġunar wara l-għażla tat-toroq magħżula u qalet li kien possibli taċċetta li tiġi nkluża Triq Stringell (minflok Triq il-Leġġenda) iżda ma kienx possibli li tiġi inkluża wkoll Triq id-Dawr għaliex din kienet triq twila u waħedha kienet tinvolvi ammont kbir ta' flus u barra minhekk kienet diġa' ntefqet is-somma ta' madwar Euro 75,000 fuq din it-triq.

Il-Kunsilliera Muscat, Fenech, Bezzina, u Sammut ippreżentaw u ssekondaw mozzjoni bejniethom fejn talbu li Triq id-Dawr tiġi inkluża f'dan il-program ta' xogħol. Saret kontro-proposta mill-Kunsillier Keith Cassar ssekondata mill-Kunsillier David Meilaq fejn ipproponew li l-Kunsill japprova l-lista tat-toroq kif proposta mis-Sindku. Meta saret il-votazjoni, l-kontro-proposta għaddiet b'sitt voti kontra erba'. Is-Sindku, il-Viċi-Sindku, u l-Kunsilliera James Cassar, Keith Cassar, David Meilaq u Marthese Mifsud ivvutaw favur il-kontro-proposta filwaqt li l-Kunsilliera Alex Muscat, Brian Bezzina, Mario Sammut u Kirby Fenech ivvutaw kontra il-kontro-proposta.

## *8.0 Christmas Concert*

Is-Sindku qalet li ma kienetx sabet konkorrenza sabiex ikun jista' jsir il-*Christmas Concert* għajr mis-Soċjeta Filarmonika Nicolo' Isouard u għalhekk ma kienx possibli li jsir dan il-Kunċert.

Il-Kunsill qabel li l-aġġudikazjoni tat-tender għad-dwal tal-milied fit-toroq issir direttament mill-Kunsill u wara li ġew eżaminati ż-żewġ tenders li rċieva l-Kunsill ġie deċiż li l-kuntratt jingħata lis-Sur Lawrence Cassar li għalkemm il-prezz indikat kien aktar minn dak tat-tenderer l-ieħor, id-dwal u t-tiżjin offrut kien ta' livell bil-wisq superjuri. Il-Kunsill ippropona li s-Sur Lawrence Cassar jintalab ukoll jnaqqas il-prezz mitlub.

## *9.0 Performance Bonus Ex Acting Executive Secretary Mr Philip Borg as at 31st May 2012*

Gie approvat unanimament li s-Sur Philip Borg li kien Acting Executive Secretary sal-31ta' Mejju, 2012 jingħata performance bonus ta 8% wara li tingħab l-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għalkemm is-Sindku ssuġġerit li jingħata 6% biss.

ELLS u Euro 250 mingħand il-kuntratturi V & C. Barra minn dan kien hemm ukoll spiża ta' Euro 1,105 li bi żball kienet qed tidher darbtejn fil-kontijiet.

Is-Sindku qalet li hija kienet tixtieq li dan il-kapitlu jingħalaq u ġie approvat unanimament li la darba l-*purchase orders* kienu inħarġu mill-Kunsill preċedenti, l-kontijiet pendenti għandhom jitħalsu.

**2.03** Dwar paragrafu 3.03: - **Ristrutturar tal-ġnien Reggie Cilia -** Is-Sindku qalet li ma kienux waslu ebda suġġerimenti mingħand il-Kunsilliera dwar l-istrutturar ta' dan il-ġnien. L-MRRA kienu għamlu *survey* taż-żona. Hija reġgħet stiednet lill-Kunsilliera sabiex min għandu xi suġġerimenti, jgħaddihom malajr. Is-Sur Alex Muscat staqsa għad-*drawings* u s-Sindku qalet li dawn huma disponibbli fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**2.04** Dwar paragrafu 7.00: - **Grawnd tal-Għajba -** Gie propost li l-President tal-Mosta F.C. jerġa' jintalab jibgħat l-accounts tal-grawnd tal-Għajba u nistaqsu lid-Dipartiment tal-Artijiet jekk jeżistix xi kuntratt dwar dan il-grawnd bejn id-Dipartiment u l-Kunsill.

**2.05** Dwar paragrafu 10.01: **- Trasport Publiku fiż-żona taż-Zokrija** – Is-Sur Alex Muscat talab li TM jerġgħu jintalbu jipprovdu rotta temporanja miż-Zokrija għall-klinik ta' Birkirkara. Huwa ġie nfurmat li din it-talba diġa' saret mas-Sur Ivan Pierre Vella ta' TM u din il-proposta kienet qeda tiġi kkonsidrata iżda l-Kunsill kien infurmat li kien hemm alternattiva li min irid, jista' jieħu r-rotta Mosta/Mater Dei u Mater Dei/B'Kara.

**3.0 Materji Finanzjarji**

**3.01** Giet approvata unanimament skeda ta' pagamenti numru 7 (19/10/2012 – 15/11/2012) b'total ta' Ewro 175,704.01 wara li ġie spjegat li *rotation numbers* 377 u 405 sa 408 kienu *void.*

**3.02** Giet approvata unanimament lista ta' *Purchase Orders* għall-perjodu ta' bejn it-18/10/2012 u t-12/11/2012.

**3.03** Il-Kunsillier Alex Muscat talab sabiex fil-Laqgħa li jmiss jiġu ppreżentati l-listi ta' spejjeż li saru għall-attivitajiet ta' (1) Wirja Agrarja - Bidnija u (2) Jum il-Mosta.

**4.00 Korrispondenza**

**4.01** Giet ippreżentata lista ta' 11 *items* ta' korrispondenza għall-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista annessa.

Dwar Item No: 3 – Publikazzjoni ta' Ktieb miktub mis-Sur George Cassar - Il-Kunsill approva li jippublika dan il-ktieb b'versjoni bl-ingliż biss u bil-kundizjonijiet rikjesti mis-Sur Cassar.

Dwar Item No: 6 – Tribunal dwar kwistjoni tax-xogħol mal-Kuntrattur Marco Briffa - Wara li ġie nnotat il-kontenut tal-ittra tat-Tribunal Industrijali, s-Sindku Dr. Shirley Farrugia talbet *input* mingħand il-Kunsillier Dr. Rachel Tua dwar il-fatt li skont din in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal Industrijali, l-istess Dr. Rachel Tua dehret bħala avukat difensur tas-Sur Marco Briffa, kontra l-Kunsill.

Dr. Rachel Tua iddikjarat li hija kienet tipprattika bħala avukat independentament minn oħta u kienet preżenti fl-awla biss bħala spettatur u biex tinforma liċ-Cermen tat-Tribunal li oħta Dr. Sarah Tua kienet indisposta u ma setgħetx tattendi. Hija qalet li kull ċittadin għandu d-dritt jattendi seduti fil-Qrati Maltin. Is-Sindku talbet konferma mingħand Dr. Tua li fis-seduti li jmiss ma tkunx qed tidher bħala l-avukata ta' Marco Briffa. Dr. Tua kkonfermat dan.

**4.02** Dwar item No: 8 – Talba għall-ħlas mill-Avukat Joe Mifsud - Wara li ġie studjat il-każ mill-ġdid, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir il-ħlas lill-Avukat Joe Mifsud.

**5.00 Memo 40-2012 Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom Librerija Lokali**

Sar qbil unanimu li l-Kunsill japplika lid-DLG kif titlob din il-Memo.

*10.0 Refuse Collection – New Timings for collection*

Wara diskussjoni dwar problemi fil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku, ġie deċiż li jsir *sample survey* mar-residenti sabiex jiġi deċiż jekk il-ħin tal-ġbir għandux jinbidel u jsir filgħodu minflok filgħaxija kif inhu fil-preżent.

***11.0* Affarijiet Oħra**

*11.01* Sar qbil li l-Ikla tal-Milied għal-Kunsilliera u l-iStaff tal-Kunsill isir fil-Quattro Fratelli *Restaurant* l Qawra nhar il-Gimgha, 4 ta' Jannar, 2013 fit-8.30pm.

*11.02* Gie approvat unanimament li l-Kunsilliera Marthese Mifsud torganizza ħarġa għalL-anzjani sabiex jżuru l-presepji. Il-Kunsill qabel li jipprovdi *transport* bil-*coach*.

*11.03* Il-Kunsill approva *budget* ta' Ewro 300 sabiex issir s-solita' attivita' tal-Milied għall-persuni b'diżabilita'. Din ser tkun organizzata mill-Kunsillier Mario Sammut.

*11.04* Il-Kunsill approva li l-Kunsilliera Marthese Mifsud torganizza party tal-Milied għat-tfal fil-5 ta' Jannar, 2012. Il-Kunsill għandu jipprovdi l-ikel u xorb għal dan il-*party*.

*11.05* Il-Kunsillier Alex Muscat talab li jiġi kkonsidrat li Triq il-Barrieri u Triq ir-Rebbiegħa jsiru *one-way*. Għandu jsir *public consultation meeting* dwar dan.

*11.06* Il-Kunsillier Keith Cassar talab u ġie approvat li s-Soċjeta' 15 ta' Awissu jużaw x-xelter tal-pjazza għall-attivita' tal-Milied.

*11.07* Il-Kunsillier Keith Cassar talab ukoll li l-Kunsill jikkollabora mal-Mosta Scouts Group f'attivita' marathona ta' *Abseiling* b'risq l-~~Community Chest Fund~~. Gie approvat li jiġu provduti billboards u *mobile toilets* għal din l-attivita'. Dan tal-Providenza [initials]

**12.0** Il-Laqgha spiċċat fl-10.15 ta' filgħaxija.

[signature] [signature]

*Dott Shirley Farrugia*
*Sindku*

*John J. Camilleri*
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*